**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 25 t'Ottubru 2017**

**Talba Nru: 219/17 CZ**

**GO p.lc. (C 22334)**

**vs.**

**Gude Varda**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-24 t'April 2017 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont ta' seba' mija u tmenin Euro u disgha w erbghin centezmu (€780.49) dovuti in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont 40254203.

Illi ghalkemm interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas ta' l-ammont surriferit, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghahekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali 2027/15, u bl-imghaxijiet legali sa mid-29 t'Ottubru 2015, data tal-prezentata ta' l-imsemmija ittra ufficcjali.

Ra li l-konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentax risposta.

Ra wkoll li l-konvenuta, ghalkemm dehret quddiem it-Tribunal, ma ggustifikatx il-kontumacja taghha.

Sema' x-xiehda ta' Maryanne Camilleri, rapprezentanta tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ghadu dovut parzjalment, u cioe' ghadu dovut il-bilanc ta' sitt mija u ghaxar ewro u sitta' u sebghin centezmu (€610.76c).

Illi permezz ta' nota prezentat mis-socjeta' attrici fid-9 t'Ottubru 2017, din naqqset l-ammont dovut ghal hames mija u tmenin Euro u disgha u erbghin centezmu (€580.49), u permezz ta' nota ohra prezentata fl-20 t'Ottubru 2017, l-ammont pretiz tnaqqas ghal hames mija u hames Euro u disgha u erbghin centezmu (€505.49).

Ra li t-talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

**Ikkunsidra:-**

1. Permezz ta' din it-Talba, is-socjeta rikorrenti qieghda titlob il-hlas, minghand il-konvenuta, tas-somma ta' seba' mija u tmenin Euro u disgha w erbghin centezmu (€780.49) dovuti in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont 40254203.

2. Illi x-xhud Maryanne Camilleri ghas-socjeta' attrici kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ghadu parzjalment dovut, u s-socjeta' attrici permezz ta' nota rriduciet l-ammond dovut ghal hames mija u tmenin Euro u disgha u erbghin centezmu (€580.49).

**Ikkunsidra ulterjorment**;

Fil-kaz odjern, il-konvenuta giet debitament notifikata u ma ressqitx risposta fit-terminu preskritt mill-ligi izda dehret fis-27 ta' Settembru 2017.

Jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija fondata u ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta' attrici ma ghandux mis-sewwa.

Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici, hekk kif ridott bin-nota tad-9 t'Ottubru 2017, huwa dovut mill-konvenuta.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa' parzjalment it-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u hames Euro u disgha u erbghin centezmu (€505.49). bl-imghaxijiet kif mitluba. L-ispejjez, kif mitluba, ikunu kollha a kariku tal-konvenuta.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur